Avviz Numru CCT 190/12/GZ

**Joe u Sonya Gauci**

**vs**

**Borvin Aluminium Ltd.**

Illum 27 ta' Frar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elfejn tliet mija tnejn u tmenin Ewro (€2382.00)) rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal xogholijiet ta' l-aluminium, liema xoghol kien difettuz u li qatt ma tranga mis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Awissu 2008 huma kienu ghamlu kuntratt mas-socjeta' ntimata biex jigu nstallati aperturi godda fid-dar taghhom. Il-ftehim kien li l-aperturi jigu nstallati bejn Ottubru u Novembru ta' l-istess sena. Madanakollu, minkejja l-insistenza tar-rikorrenti biex jigu nstallati fid-dati stipulati, dawn gew fil-fatt installati bejn Frar u Marzu tas-sena ta' wara. Meta ffirmaw il-ftehim, li kien jammonta ghal madwar sebat elef Ewro (€7000.00), kien hemm qbil li r-rikorrenti kien ser ikollhom skont ta' 18% fuq l-ammont totali. Il-ftehim kien li elf Ewro (€1000.00) kellhom jithallsu mal-iffirmar tal-kuntratt, filwaqt li l-kumplament tas-somma kellha

tithallas f'erbgha jew hames pagamenti waqt li kien qed isir ix-xoghol. Kien hemm qbil ukoll, li l-ircevuta fiskali kienet ser tinghata ma' l-ahhar pagament. Id-dati tal-hlasijiet li saru huma s-segwenti: 02/02/2009, 17/04/2009, 26/05/2009, 19/10/2009. Ghad fadal bilanc ta' tliet mija u tmien Ewro u hamsin centezmi (€308.50) li ghadu ma thallasx, u dan sar bi qbil mas-socjeta' ntimata, peress li meta marret ghand ir-rikorrenti ghall-ahhar darba biex tezamina x-xoghol, hija qablet li r-rikorrenti setghu jhallsu din is-somma meta x-xoghol tlesta ghal kollox.

Immedjatament kif tlesta x-xoghol, ir-rikorrenti innotaw li certi partijiet fid-double glazing bdew jittapnu, uhud hafna iktar minn ohrajn. Innotaw ukoll li wiehed mill-bibien il-kbar kellu fetha ta' madwar 2cm fil-bieba tan-nofs. Ovvjament, ir-rikorrenti mill-ewwel avzaw lis-socjeta' ntimata u staqsewha biex tmur tispezzjona x-xoghol mill-aktar fis possibli. Minkejja dan, u allavolja cemplu kemm-il darba, jew hadd ma kien jitfacca meta kienu jghidulna li kienu sejrin, jew kienu jhassru l-appuntament dakinhar stases. L-ewwel spezzjoni sehhet fl-ahhar tas-sajf tal-2009, meta mar xi hadd jara x-xoghol u nforma r-rikorrenti li x-xoghol ma kienx sar sew. Is-socjeta' ntimata qaltilhom ukoll li tikkuntatjahom hi biex jaraw meta jista' jsir ix-xoghol ta' riparazzjoni. Ir-rikorrenti ma baqghux jinsistu b'urgenza ghaliex assumew li kien qed ikollhom x'jaqsmu ma' kumpannija serja.

Fis-sajf tal-2010, ir-rikorrenti regghu bdew icemplu ghall-appuntament, izda s-socjeta' ntimata qatt ma kienet tirrispondi. Ir-rikorrenti hallew ukoll diversi messaggi mas-segretarja, izda xorta hadd mis-socjeta' ntimata qatt mar. Fl-ahhar kien mar xi hadd biex ikejjel u jara kif ser isir ix-xoghol, fejn tranga bieb li kellu bzonn jissewwa, u rega' gie kkonfermat li x-xoghol ma kienx sar sew. Ir-rikorrenti regghu gew informati li kienu ser jigu kkuntattjati minghand is-socjeta' ntimata sabiex isiru t-tiswijiet, izda ghadda sajf iehor u baqa' ma mar hadd.

Din l-istorja baqghet ghaddejja, sa fl-2012, ir-rikorrenti ircevew email li fiha s-socjeta' ntimata qaltilhom li kienet taf bil-problema tal-hgieg imtappan u li kienet lesta li tirranga x-xoghol hazin taghha, pero' qabel isiru dawn it-tiswijiet, hija riedet li tithallas is-somma li kien ghad baqa' ta' tliet mija u tmien Ewro u hamsin centezmi (€308.50).

Ir-rikorrenti ma ghandhom l-ebda problema li jhallsu s-spmma li baqa', pero li tali hlas ghandu jsir wara li jitlestew ix-xogholijiet ta' tiswija. Fil-fatt, ir-rikorrenti sa anke offrew li tali ammont jigi ddepozitat x'imkien sakemm isiru t-tiswijiet, pero' s-socjeta' ntimata rrifjutat.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' l-'email' mibghuta minghand is-socjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew set ta' ritratti, li gew immarkati bhala Dok.JSG1 sa Dok.JSG3; kopja ta' 'email' mibghuta minghand is-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.JSG4; kopja ta' 'email' mibghuta mingand ir-rikorrenti, li giet immarkata bhala Dok.JSG5; kopja tal-ftehim datat 21/08/2008 li giet immarkata bhala Dok.JSG6; u kopja ta' l-invoices, li gew immarkati bhala Dok.JSG7.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrenti konsumaturi, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel ix-xogholijiet kollha necessarji ta' tiswija fejn ix-xoghol sar hazin u tibdil ta' l-aperturi li huma difettuzi, b'dan illi la darba jitlestew ix-xogholijiet kollha ghas-sodisfazzjoni tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti ghandhom ihallsu s-somma pendenti ta' tliet mija u tmien Ewro u hamsin centezmi (€308.50) lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**